**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 263/2012**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J. Borg)**

**vs**

**Malcolm Cauchi**
**(ID 128690(M))**

**Illum, 28 ta' Lulju 2017**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Malcolm Cauchi ta' 21 sena, iben William u Josephine Ann nee` Pace, imwieled Pieta`, nhar it-8 ta' Marzu 1990 u residenti 13, Triq il-Principessa Margerita, Msida, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 128690(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar it-22 ta' Awwissu 2011, gewwa l-Imsida, kif ukoll f'dawn ix-xahrejn ta' qabel din id-data, f'hinijiet differenti u fi bnadi ohra f'Malta:

a) Produca, biegh jew xort'ohra traffika r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-

Artikolu 8(b) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

U aktar talli f'din l-ahhar sena ta' qabel it-22 ta' Awwissu 2011, gewwa l-Imsida, kif ukoll f'hinijiet differenti u fi bnadi ohra f'Malta:

c) Ikkoltiva l-pjanta *cannabis* bi ksur tal-Artikolu 8(c) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli f'dawn l-ahhar tlett snin qabel din id-data, f'hinijiet differenti u fi bnadi ohra f'Malta:

e) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tat-12 ta' Gunju 2017, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni huwa rega' kkonfermaha wara li l-Qorti, ai termini tal-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkunsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghad-decizjoni tal-Qorti dwar il-piena li ghandha tigi inflitta u t-trattazzjoni finali tad-difiza dwar l-istess.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat dwar l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u anke a bazi tal-provi prodotti, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta' dawn l-imputazzjonijiet.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni fl-ewwel lok, illi ghalkemm l-ammissjoni tal-imputat f'dawn il-proceduri ma kinitx wahda bikrija, madankollu huwa kkopera bis-shih mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha, kif jirrizulta ampjament mill-istqarrija rilaxxjata minnu.

Qieset ukoll illi l-fedina penali tal-imputat m'hijiex wahda allarmanti, tant illi tikkonsisti f'sejbien ta' htija dwar pussess semplici tar-raza tal-*cannabis* li jirrisali ghas-sena 2004 u dwar hsara volontarja kommessa fis-sena 2013. Fiz-zewg okkazzjonijiet, l-imputat inghata liberazzjoni kundizzjonata.

Qieset ukoll mill-banda l-ohra, ghal fini tal-ewwel zewg imputazzjonijiet, is-serjeta` tal-istess imputazzjonijiet u l-ammonti ta' droga li kienu nvoluti f'dan il-kaz u li certament ma kinux ammonti zghar. Mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat jirrizulta illi fiz-zmien in kwistjoni, huwa kien jabbuza mill-*cannabis* u li kien ilu jaghmel dan ghal perjodu ta' madwar tliet snin. F'parti mill-istqarrija jghid illi huwa kien jiehu madwar *joint* jew tnejn kuljum, ghalkemm ghamel ukoll perjodu ma jiehu xejn u wara jghid ukoll illi bhala medja, kien jiehu *joint* kuljum jew ftit inqas. Skont hu, kien jonfoq madwar €25 fuq droga fil-gimgha. Dwar ir-raza tal-*cannabis* li nstabet gewwa r-residenza tieghu, huwa jghid illi madwar xahrejn qabel, terza persuna ssuggerielu illi huwa seta' jgiblu sapuna sabiex ibieghha u b'hekk apparti li d-droga li jikkonsma hu tigih b'xejn, seta' wkoll jaqla' xi haga tal-flus. Peress illi dak iz-zmien, kien jaf li kien ser ikun maghfus bil-flus, iddecieda li jilqa' dan is-suggeriment biex ikollu xi haga tal-flus f'idejh. Ghalhekk xtara sapuna bil-prezz ta' €1,400, u qattaghha f'bicciet ta' diversi qisien, fil-maggor parti bicciet ta' €25. Ikkalkula li minn sapuna jaqla' €300. Kien ihalli dawn il-bicciet mikxufin, f'bottijiet tal-*herbs*, sabiex ikunu lesti ghall-bejgh u fil-fatt fil-jum ta' qabel, waqt it-tfittxija li saret fir-residenza tieghu, il-pulizija sabu l-bicciet f'dawn il-bottijiet. L-imputat jghid ukoll illi d-droga li nstabet fil-pussess tieghu kienet it-tielet sapuna li huwa xtara, li xtrahom ukoll bl-istess prezz u li s-sapun li xtara kellhom piz ta' bejn 230 grammi u 250 grammi. Jghid illi kien jikkalkola d-droga li jbiegh bil-piz u li jbiegh bicca ta' tlett grammi bil-prezz ta'

€25. Jghid illi huwa kien jaqdi xi 20 persuna, li sapuna servietu tliet gimghat u li huwa jikkonsma madwar gramma kuljum. Jikkonferma li kien ibiegh bejn ghaxar u hdax-il gramma kuljum.

Hawn il-Qorti tinnota illi jekk wiehed jikkalkula illi s-sapun li kien jixtri l-imputat kellu piz ta' bejn 230 grammi u 250 grammi u li l-imputat kien jikkonsma madwar gramma kuljum, dan ifisser illi fuq perjodu ta' tliet gimghat ossia l-perjodu li skont hu, kienet isservih sapuna, l-imputat kien jikkonsma madwar 21 gramma *cannabis*, li jfisser ukoll illi kien jibqghalu bejn 209 grammi u 229 grammi ghall-bejgh minn sapuna wahda, skont il-piz tas-sapuna. In oltre la darba l-imputat jghid illi din kienet it-tielet sapuna li huwa xtara, ifisser ukoll illi fuq perjodu ta' sitt gimghat, minn zewg sapuniet, huwa biegh bejn 418 grammi u 458 grammi raza tal-*cannabis*. Naturalment dawn huma sempliciment kalkoli, izda huwa evidenti illi l-ammonti tar-raza li kienu fil-pussess tal-imputat u li biegh fuq perjodu qasir ta' madwar xahrejn kienu altru milli ammonti zghar jew insinjifikanti. Dan apparti r-raza li nstabet fir-residenza tieghu fil-jum li saret it-tfittixja li skont hu, allura, kienet tifforma parti mit-tielet sapuna li huwa xtara. Mir-relazzjoni tal-espert, l-Ispizjar Mario Mifsud, jirrizulta *inter alia* illi l-frak u l-blokki ta' sustanza ta' lewn kannella li kienu fid-dokumenti li nghataw lilu ghall-analizi tieghu (u li gew elevati mir-residenza tal-imputat), f'ammont nett totali ta' 244.84 grammi, instabu li kienu raza tal-pjanta tal-*cannabis*. Il-purita` medja ghas-sustanza *THC* tal-frak u l-blokki ta' din is-sustanza kienet ta' cirka 7.3%. M'hemmx dubju ghalhekk illi f'dan il-kaz u fiz-zmien li ghalih jirreferu l-ewwel zewg imputazzjonijiet, l-ammont ta' raza tal-*cannabis* fil-pussess tal-imputat - pussess li fil-maggor parti tieghu kien wiehed aggravat ghaliex intiz ghall-ispacc u anke effettivament spaccat – kien wiehed sostanzjali.

Fl-istqarrija tieghu, imbaghad, l-imputat jghid ukoll illi fis-sena ta' qabel, ghall-habta ta' Settembru 2010, huwa kabbar pjanta wahda tal-*cannabis*, izda wara li kibret xi 40 centimetru, din mardet, dbielet u remiha. Din, skont hu, kienet l-unika pjanta li huwa kabbar u li l-iskop tieghu kien illi jiffranka milli joqghod jixtri d-droga ghall-uzu personali tieghu. F'dan ir-rigward m'hemm l-ebda indikazzjoni fl-atti, illi l-intenzjoni tal-imputat kienet illi huwa jispacca mill-pjanta li jirnexxilu jkabbar u effettivament l-imputazzjoni (d) tirreferi biss ghall-pussess semplici u mhux ghall-pussess aggravat tal-pjanta tal-*cannabis*. Ghaldaqstant, fir-rigward ta' l-imputazzjoni (c), il-Qorti tista' u tqis li ghandha tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 7 tal-Kap. 537 u dan anke in vista ta' dak li ser jinghad izjed 'il quddiem dwar is-sitwazzjoni prezenti tal-imputat odjern.

Tqis ukoll ghal fini ta' piena r-rakkomandazzjonijiet tal-Ufficjal tal-*Probation* fil-*Pre-Sentencing Report* li hija rredigiet fil-konfront tal-imputat. Mill-istess rapport u mix-xhieda taghha, jirrizulta *inter alia* illi l-imputat beda jaghmel uzu mill-*cannabis* ta' tlettax-il sena, li esperimenta bl-*ecstasy* u kien jaghmel uzu kbir minn xorb alkoholiku, b'mod partikolari meta kien johrog fil-*weekend,* ta' sbatax-il sena u li ta' ghoxrin sena beda jaghmel uzu mill-eroina. Wara li gie arrestat fuq il-kaz odjern, beda jaghmel uzu biss mill-eroina. Huwa kien ilu f'kuntatt mal-Agenzija Sedqa mis-sena 2011, izda kien f'kuntatt kontinwu mal-istess Agenzija minn Ottubru 2015 u f'Awwissu 2016 huwa beda programm residenzjali, fejn l-affarijiet kienu sejrin tajjeb tant li kien wasal fit-tielet fazi tal-programm u cioe` kien johrog ghax-xoghol matul il-gimgha u kien johrog ukoll fi tmiem il-gimgha. Madankollu fit-22 ta' Gunju 2017, huwa kellu *relapse* u dan specjalment minhabba l-fatt li kien qed jiffaccja piena karcerarja. Huwa gie sospiz mill-programm, ghamel perjodu ta' ftit izjed minn gimgha gewwa Dar l-Impenn u fit-3 ta' Lulju 2017, gie trasferit gewwa l-ASU, minn fejn huwa mistenni li jerga' jidhol fil-programm residenzjali fi hdan il-Komunita` Santa Marija. Skont l-istess rapport, ghalkemm l-imputat illum qieghed fit-triq it-tajba u qed jipprova jahdem bis-shih dwar il-problemi tieghu, biss ghandu bzonn izjed zmien sabiex jaghmel dan. Ghalkemm kien ilu xhur shah il-boghod mid-droga u kien qed jaghmel il-parti tieghu anke dwar xoghol, xorta kien ghadu qed joqghod lura milli jindirizza certi aspetti personali, u kien biss wara r-*relapse* li kellu li rrealizza li kien hemm il-htiega li jindirizza anke dawn l-aspetti ta' hajtu. L-Ufficjal tal-*Probation* ikkonkludiet illi fil-waqt illi f'dan il-kaz, piena karcerarja effettiva hija tassattiva, huwa ghandu jinghata Ordni ta' Trattament biex ikompli jindirizza l-problema tad-droga u jlesti l-programm residenzjali.

Qieset ukoll ix-xhieda ta' Jacqueline Zammit, *Head* tal-programm fi hdan il-Komunita` Santa Maria, li spjegat fl-ewwel xhieda taghha illi l-imputat kien qieghed fil-programm, li ghalkemm kien diga` wasal fit-tielet fazi tal-istess programm u l-pjan kien li ser jibqa' hemmhekk sakemm ikun jista' jghix b'mod indipendenti, stante li kien hemm ukoll problema ta' *homelessness.* Kien sar progress kbir da parti tieghu. Fit-tiena xhieda taghha, imbaghad, l-istess xhud spjegat dwar ir-*relapse* li kellu l-imputat, li kien anke qed jinghata kura medika u li l-pjan kien illi jerga' jidhol fil-programm, izda jerga' jibda mit-tieni fazi sabiex jigu indirizzati l-problemi li ghadhom ma gewx indirizzati. Huwa gie anke assenjat psikologu.

Tqis ukoll illi l-Qorti ta' spiss tigi rinfaccjata b'sitwazzjonijiet simili fejn fil-mori tal-proceduri, l-imputat ikun ghamel sforz genwin sabiex jirraddrizza hajtu u jkun sar ukoll progress kbir da parti tieghu. Il-Qorti ghaldaqstant tipprova kemm jista'

jkun b'mod gust u dejjem in linea mal-ligi, tilhaq bilanc billi fil-waqt illi teroga piena idonea ghar-reati in kwistjoni u dan dejjem fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, fl-istess hin lanqas ma tinjora l-isforzi u l-progress li jkun ghamel l-imputat u taghti, sakemm tippermettilha l-ligi, dawk il-provvedimenti li tqis necessarji sabiex fil-waqt illi l-imputat jiskonta l-piena, fl-istess waqt ikompli jinghata l-ghajnuna u l-opportunita` li jkompli jaghmel progress f'hajtu. Tqis ukoll madankollu illi minkejja l-progress li ghamel l-imputat, tenut kont tal-ammonti ta' droga mertu tal-kaz odjern, certament illi m'huwiex xieraq illi l-Qorti timponi l-piena minima stabbilita fil-ligi, kif issottomettiet id-difiza.

Ghal fini ta' piena, qeghda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward tal-imputazzjonijiet (a) u (b) u d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 fir-rigward tal-piena ta' multa tassattiva applikabbli dwar l-imputazzjonijiet (a) u (c). Fir-rigward tal-imputazzjoni (d), din qed tigi meqjusa bhala kompriza u involuta fl-imputazzjoni (c).

Tqis ukoll fir-rigward tas-somma ta' tliet mija u tletin Euro (€330) elevata mir-residenza tal-imputat odjern, illi ghalkemm fl-istqarrija tieghu l-imputat jghid illi huwa ddecieda li jbiegh id-droga ghaliex b'hekk ikollu xi haga tal-flus f'idejh, biss huwa jghid ukoll fl-istess stqarrija illi kellu mpjieg u jidher ukoll mill-istorja tal-impjiegi tieghu illi l-imputat kien impjegat *full-time* fiz-zmien tal-kaz. Waqt l-interrogatorju tieghu, huwa ma giex mistoqsi dwar il-provenjenza tal-flus li gew hekk elevati. Ghaldaqstant, il-Qorti ma tistax tasal sal-konkluzjoni lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, illi dawn il-flejjes kienu provenjenti mill-bejgh tad-droga.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 8(b), 8(c), 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikolu 7 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 17(f) u (h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u qed tikkundannah ghall-piena ta' wiehed u ghoxrin xahar (21) prigunerija effettiva u piena ta' multa ta' elfejn u seba' mitt Euro (€2,700) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hati b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsa u sebghin Euro (€75), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mid-data ta' din is-sentenza, b'dan illi kemm il-darba l-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi. In oltre bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 u tal-

Artikolu 412D tal-Kapitolu 9, qeghda tqieghed lill-hati taht Ordni ta' *Probation* u Ordni ta' Trattament ghall-perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-istess Ordnijiet hawn annessi, b'dan illi l-hati ghandu jibqa' taht sorveljanza skrupoluza tal-Ufficjal tal-*Probation* u jsegwi kull direttiva lilu moghtija mill-professjonisti li qed isegwuh jew li talvolta jistghu jkunu qeghdin isegwuh u ghandu wkoll ikompli jiehu l-kura kif rakkomandat lilu mill-istess professjonisti.

Qeghda wkoll tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin dwar l-importanza illi l-hati jkompli jinghajta l-ghajnuna u l-kura kollha necessarja kontra l-vizzju tad-droga u li jinghata anke l-possibilita` li jkompli l-programm residenzjali li jinsab fih prezentement fil-waqt illi jkun qed jiskonta l-piena erogata.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u semplici, il-konsegwenzi skont il-ligi, kemm il-darba huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' *Probation* jew jekk jonqos milli jsegwi l-kundizzjonijiet tal-istess, kif ukoll il-konsegwenzi legali kemm il-darba huwa jonqos milli jikkonforma ruhu mar-rekwiziti jew kundizzjonijiet imposti fuqu permezz tal-Ordni ta' Trattament, ai termini tal-Artikolu 412D(4) tal-Kap. 9.

Il-Qorti tordna illi kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-*Probation* u *Parole*, kif ukoll lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tikkundanna lill-hati sabiex ihallas l-ispejjez kollha konnessi mal-esperti mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta dwar dan il-kaz, ossia s-somma ta' mija, sitta u sittin Euro u tnejn u tmenin centezmu (€166.82), rapprezentanti l-ispejjez relatati mal-hatra tas-*Scene of the Crime Officer* PS 239 Joseph Caruana, is-somma ta' sittin Euro u tnejn u sittin centezmu (€60.62), rapprezentanti l-ispejjez relatati mal-hatra tas-*Scene of the Crime Officer* PS 404 Paul Camilleri, u s-somma ta' seba' mija, tlieta u ghoxrin Euro u tlieta u sebghin centezmu (€723.73), rapprezentanti l-ispejjez tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud. B'kollox ghalhekk dawn l-ispejjez jammontaw ghas-somma ta' disa' mija, wiehed u hamsin Euro u sbatax-il centezmu (€951.17), liema spejjez ghandhom jithallsu mill-hati fi zmien tliet snin mil-lum.

Tordna r-rilaxx tal-*mobile phone* tad-ditta Nokia (li ma jidhirx li gie analizzat mill-espert Dr. Martin Bajada, ghalkemm maqbud fl-atti tal-inkjesta) u tas-somma ta' tliet mija u tletin Euro (€330), formanti parti minn Dokument MB1 favur il-hati.

Tordna d-distruzzjoni tas-sustanza esebita bhala parti minn Dokument MB1 u tad-droga u l-oggetti kollha relatati mad-droga, pprezentati mar-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat